# HOLMA

*(Mit-Taljan ta' Annibale Tona)*

*Ta'* Peter A. Caruana

Jien ħlomt li fis-sema qed nara
żewġ kwiekeb iteptpu ħemdin
li f'ħajti jien qatt ma rajt isbaħ.
Żewġ kwiekeb ta' l-Anġli henjin.

Ma' ġenbi jien rajthom jitbissmu
u jħarsu jwensuni fis-skiet;
jimlewni bil-hena, bil-faraġ;
tas-sema jdewquni l-ħlewwiet.

Iżd' hekk kif stenbaħt minn dil-ħolma
bqajt nilmaħ dal-kwiekeb hekk sbieħ.
Żewġ kwiekeb li jgħaddu l-pjaneti:
Żewġ kwiekeb ta' ħajti l-mistrieħ.

Għax 'l ommi lmaħt jien fejn is-sodda
x'ħin sewwa minn nagħsi jien qomt.
Għajnejha żewġ ġmamar ta' mħabba:
Għajnejha l-kwiekeb li ħlomt.